**RULING MOGĦTI MILL-ISPEAKER ANĠLU FARRUGIA FIS-SEDUTA TA' NHAR L-ERBGĦA, 14 TA' OTTUBRU 2015**

Fis-seduta tal-bieraħ il-Kap tal-Oppożizzjoni talab hekk:

> "Sur President, fil-Minuti approvati tal-lum għandna lista ta' dokumenti li l-Ministru għall-Finanzi poġġa fuq il-Mejda tal-Kamra lbieraħ. Fosthom hemm dokument bl-isem "*Dokument tal-Baġit*". Apparti dan naturalment kellna d-dokumenti l-oħra tal-Baġit fosthom id-dokument "*Diskors tal-Baġit*". Irrid nirrileva li minkejja li dawn iż-żewġ dokumenti tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra hemm diskrepanzi ċari bejniethom jiġifieri bejn id-*Dokument tal-Baġit* u d-*Diskors tal-Baġit* li fil-fatt inqara."

Hawnhekk is-Sedja informat lill-Kap tal-Oppożizzjoni li ħadet nota u f'dak il-mument qam biex jitkellem l-Onor. Godfrey Farrugia li qal hekk:

> "Nixtieq ninforma lill-Kamra li dwar id-dokument li tpoġġa bi żball ilbieraħ ħarġet *press release fejn* aħna ammettejna li sar żball. Dak huwa *working document*. Fil-fatt dak id-dokument huwa rtirat u huwa d-diskors tal-Ministru Edward Scicluna li jgħodd bħala d-diskors tad-dokument tal-Baġit. Dan huwa żball li aħna mill-ewwel ammettejna li sar bi żvista u għaldaqstant qed nirtiraw dak l-iżball."

Hawnhekk is-Sedja reġgħet irrimarkat u nikkwota:

> "Fil-fatt għadhom kif għaddewli l-istqarrija li ħarġet mill-Ministeru tal-Finanzi. Fil-każ nista' naqraha."

Fil-pront il-Kap tal-Oppożizzjoni reġa' qal hekk:

> "Sur President, m'għandekx għalfejn taqraha għar-raġuni sempliċi li aħna qegħdin fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż hawnhekk u li tgħodd mhix il-*press release* tal-Gvern, li jgħodd huma l-Minuti ta' din il-Kamra. U l-Minuti ta' din il-Kamra tpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra żewġ dokumenti differenti dwar l-istess Baġit."

Is-Sedja rrimarkat lill-Kap tal-Oppożizzjoni:

> "Ħa nkunu ċari, Onor. Simon Busuttil, qed titlob *ruling* mingħand is-Sedja? Iva jew le!"

Hawnhekk il-Kap tal-Oppożizzjoni qal hekk:

> "Sur President, aħna nixtiequ nkunu nafu liema huwa d-dokument li huwa validu."

Aktar tard, wara li tpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra diversi dokumenti oħrajn waqt it-Tqegħid ta' Karti effettivament reġa' qam il-Kap tal-Oppożizzjoni fejn talab hekk lis-Sedja:

> "Sur President, aħna fhimna li fuq materja daqshekk importanti, li n-nies hemm barra ma jafux liema huwa l-Baġit vera. Inti tagħti *ruling* minnufih u mhux nistennew aktar sakemm in-nies ikunu jafu liema huwa l-veru Baġit. Hawnhekk għandna żewġ dokumenti differenti fuq il-Mejda tal-Kamra. Żewġ dokumenti differenti! Tajjeb li bħala minimu għall-inqas noħorġu llejla minn din il-Kamra u nkunu nafu liema huwa l-Baġit. Allura aħna qegħdin nitolbu li inti tagħti *ruling* minnufih."

Immedjatament reġa' qam il-*Whip* tal-Gvern, l-Onor. Godfrey Farrugia, fejn qal hekk:

> "Bi żvista sar żball fejn ġie pprintjat *working document*, liema Oppożizzjoni għandha kopja waħda tiegħu, u l-kopji kollha l-oħra ġew irtirati u għaldaqstant qiegħed jiġi pprintjat id-Dokument tal-Baġit proprja. Imma dak li ntqal ilbieraħ, jiġifieri li qara l-Ministru Edward Scicluna, huwa l-proprja Baġit."

Is-Sedja mbagħad qalet:

> "Jekk jogħġobkom, qed nistaqsi domanda. X'inhi r-risposta?"

Hawnhekk is-Sedja kienet qed tagħmel domanda lill-Onor. Godfrey Farrugia, fejn staqsietu hekk:

> "Dan id-dokument *which is going to replace the other document* se jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra?"

Hawnhekk l-Onor. Godfrey Farrugia informa lis-Sedja:

> "Jien informat li iva, se jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra wkoll."

Reġa' mbagħad aktar tard għamel *statement* il-Kap tal-Oppożizzjoni fejn qal hekk:

> "Hawn żewġ dokumenti differenti, anke *b'ISBN number* differenti. Jiġifieri dan mhux dokument pprintjat bi żball, żewġ dokumenti differenti, żewġ kotba differenti, żewġ *ISBN numbers* differenti, jiġifieri ma jistax issa jiġi l-*Whip* tan-naħa tal-Gvern u jgħidilna: Le, kien hemm dokument b'ieħor. Le, għax tnejn għandna, kieku wieħed b'ieħor kieku wieħed għandna, imma għandna tnejn. U ladarba dawn it-tnejn huma dokumenti uffiċjali, dokumenti pubbliċi issa, dokumenti li tqiegħdu mill-Ministru u li huma *minuted* u allura wieħed ma jistax jaqbad u jirtirahom għax huma *minuted* bħala dokumenti ta' din il-Kamra, aħna rridu nkunu nafu, u qegħdin ninsistu li nkunu nafu llum, liema wieħed huwa validu jekk hemm diffikultajiet, u din tiġi deċiża immedjatament għaliex dawn iż-żewġ dokumenti għandhom konflitt bejn wieħed u ieħor u t-tnejn tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra."

Fuq dan il-punt reġa' rrisponda l-*Whip* tan-naħa tal-Gvern, l-Onor. Godfrey Farrugia, fejn qal hekk:

> "Niġbed ukoll l-attenzjoni tal-Kamra li għalkemm il-*budget speech* huwa dak li huwa uffiċjali min-naħa tal-Gvern, dak li qara lbieraħ il-Ministru Edward Scicluna, dak huwa wkoll *backed* bl-estimi tal-finanzi li tqiegħdu wkoll fuq il-Mejda tal-Kamra. Għaldaqstant b'mod loġiku b'hekk għandna nifhmu li iva, il-*budget speech* huwa d-dokument proprja."

Aktar tard, imbagħad, tkellem fuq dan il-punt l-Onor. Mario de Marco li sostanzjalment qal hekk:

> "Bir-rispett kollu lejn l-ispjegazzjoni li tana l-Onor. Godfrey Farrugia, din mhijiex valida għaliex li jgħodd għalina, u għal kulħadd hemm barra, huma l-Minuti approvati. Jiġifieri aħna qed nitolbu *ruling* dwar il-validità ta' dokument li skont l-istess Minuti tal-Kamra approvati llum, liema Minuti ma ġewx korretti, tqiegħed u għadu mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra għax sal-lum għadu ma ġiex irtirat għax il-Minuti ma ġewx korretti."

Is-Sedja mbagħad irrispondiet lill-Onor. Mario de Marco u qalet hekk:

> "Korrett, però s-Sedja fehmet ukoll li xejn mhu se jiġi *withdrawn*, kif qed tgħid inti, id-dokumenti skont il-Minuti qegħdin hemmhekk imma se jkun hemm ukoll dokument ieħor li se jagħmel il-korrezzjoni u jissostitwixxi d-dokument l-ieħor."

Kompliet is-Sedja, u sostniet:

> "Is-Sedja semgħet lil kulħadd. Is-Sedja se tagħti r-*ruling* tagħha u se tagħtih mill-aktar fis possibbli però llum se nibqa' miexi bis-seduta. Il-punti tagħkom għamiltuhom. Is-Sedja semgħet lil kulħadd."

Aktar tard imbagħad qam biex jagħmel osservazzjoni l-*Whip* tal-Gvern, l-Onor. Godfrey Farrugia, fejn qal hekk:

> "Importanti niġbed ukoll l-attenzjoni tas-Sedja li fil-bagalja l-Ministru għall-Finanzi jġorr tliet dokumenti: l-estimi, l-*Economic Survey* u d-diskors innifsu. Huma dawn it-tliet dokumenti li fil-fatt il-President tar-Repubblika tiffirma. Huma dawn li huma uffiċjali. Id-dokumenti l-oħrajn huma kollha *addendum* għal dawn l-affarijiet li jsiru. Allura d-diskors tal-Baġit li nqara lbieraħ, fejn semma ħafna fuq il-pensjonijiet, il-proġetti li se jsiru u dawk l-affarijiet kollha ta' titjib li se jsiru b'mod responsabbli minn dan il-Gvern, dak huwa d-dokument uffiċjali, dak huwa l-Baġit uffiċjali, dak li nqara lbieraħ."

Hawnhekk is-Sedja rrimarkat u qalet hekk:

> "Se nagħmel referenza għall-Minuti, ħalli nkunu ċari dwar dak li staqsa l-Onor. Mario de Marco. "Bħala kopji li tqassmu huma kopji tad-*Diskors tal-Baġit 2016* – qed naqra l-Minuti paġna 4 – kopja tad-*Draft Estimates 2016,* u kopja tal-*Economic Survey 2015*." Imbagħad għandek, "il-Ministru għall-Finanzi jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra" u għandek id-dokument li semmejt inti."

Hawnhekk kien pront u qam il-Kap tal-Oppożizzjoni Simon Busuttil fejn fost l-oħrajn qal hekk:

> "Tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra dokument li jismu *'Dokument tal-Baġit'*, li huwa pubblikazzjoni differenti mill-ktieb dwar id-Diskors tal-Baġit, li huwa differenti mid-Diskors tal-Baġit u fih miżuri kompletament differenti. Ladarba tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra, dan huwa dokument li għandu jkollna aċċess għalih immedjat, huwa dokument pubbliku u s'issa peress li għadu ma ġiex irtirat kif qal tant tajjeb il-kollega tiegħi l-Onor. de Marco, aħna bħala Membri qegħdin nitolbu biex minnufih jingħad lilna liema hu l-vera baġit ta' dan il-Gvern."

Is-Sedja minnufih qalet hekk:

> "Sewwa. S'issa l-kwestjoni kollha qiegħda dwar id-Dokument tal-Baġit 2016, PL 5658. Dak tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra."

Skont il-Minuti li ġew approvati fis-seduta tal-bieraħ għas-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2015, hemm indikat hekk fil-parti fejn titkellem fuq Mozzjonijiet:

> **"268 MOZZJONI BIEX IL-KAMRA TMUR F'KUMITAT TA' PROVVISTA GĦALL-KONSIDERAZZJONI TAL-ESTIMI ĠENERALI TA' SPIŻA GĦAS-SENA 2016**
>
> Skont il-ftehim milħuq fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, l-iSpeaker stieden lill-impjegati tal-Public Broadcasting Services (PBS) jidħlu fil-Kamra sabiex jittrasmettu dirett fuq it-televiżjoni d-diskors tal-*Budget.*
>
> Kopja tad-Diskors tal-Baġit 2016, kopja tad-*Draft Estimates 2016* u kopja tal-*Economic Survey 2015* tqassmu lill-Onorevoli Membri."

Kien hawnhekk li mbagħad is-seduta bdiet tixxandar b'mod dirett u nqara d-*Diskors tal-Baġit 2016* li tqassam lill-Membri kollha dak il-ħin.

Fl-għeluq tad-diskors tal-Ministru għall-Finanzi – dan kif jidher ukoll f'paġna 6 tal-Minuti approvati:

> "L-iSpeaker irringrazzja lill-Ministru għall-Finanzi għad-diskors tiegħu u rringrazzja wkoll lill-impjegati tat-televiżjoni u mezzi tax-xandir u talabhom jirtiraw."

Kien hawnhekk li l-Ministru għall-Finanzi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokument li qed issir referenza għalih f'dan ir-*ruling,* li huwa l-PL 5658 li huwa indikat bħala d-*Dokument tal-Baġit 2016*.

M'hemmx dubju li bħala dokument tal-baġit li l-poplu kollu Malti u Għawdxi, inkluż il-Membri tal-Parlament, li b'mod totali semgħu lill-Ministru għall-Finanzi jispjega l-Baġit, huwa d-Diskors tal-Baġit li nqara u li fih minn paġna 1 sa paġna 80 li nqara mill-Ministru għall-Finanzi u li miegħu saret referenza għal diversi annessi u statistika oħra li tmur minn paġna 81 sal-paġni kollha tal-istess Dokument tal-Baġit, dak li nqara kollu fis-seduta tat-Tnejn u li allura huwa dan il-Baġit li l-Kamra ġiet informata li huwa d-Diskors tal-Baġit għas-sena 2016.

Ma' dan id-Diskors tal-Baġit kellhom ukoll dokumenti ta' *draft estimates għas*-sena 2016 u dokument tal-*Economic Survey 2015,* li b'kollox huma tliet dokumenti li l-President tar-Repubblika ġiet ippreżentata biex hi tiffirma bħala awtorizzazzjoni tad-dokumenti li effettivament ġew mgħoddija b'mod solenni lill-Membri kollha tal-Parlament. Id-dokument indikat bħala PL 5658, *Dokument tal-Baġit 2016* tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Ministru wara li għalaq id-diskors tiegħu. Hawnhekk jidher li n-naħa tal-Gvern, għalkemm fil-Parlament s'issa għadha ma saret l-ebda talba ħlief informazzjoni mill-Onor. Godfrey Farrugia, kif diġà ngħad aktar 'il fuq, li dan id-dokument tpoġġa bi żball ilbieraħ u jagħmel referenza għal *press release* fejn, u nikkwotah:

> "Aħna ammettejna li sar żball."

Liema *press release* s-Sedja waqt is-seduta tal-bieraħ ġiet mgħoddija kopja li hija *press release* tat-13 ta' Ottubru maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fil-ħin fis-1.53 ta' wara nofsinhar, li hija Stqarrija mill-Ministru tal-Finanzi fejn tgħid hekk fost l-oħrajn:

> "Il-Ministru għall-Finanzi jixtieq jikkjarifika li l-miżuri tal-baġit huma dawk mħabbra fid-diskors tal-bieraħ. Il-Ministeru nġibditlu l-attenzjoni li bi żvista għal xi ħin fil-*website* tiegħu ttella' *working document* minflok dokument finali u li kien jinkludi proposti li mhumiex parti mid-diskors finali tal-baġit, dan id-dokument li tiegħu ġew stampati ukoll numru żgħar ta' kopji proviżjonali ġie rtirat ftit tal-ħin wara."

Imbagħad tkompli l-istqarrija u tagħmel referenza għal xi miżuri li jidhru li kienu indikati f'dan id-dokument tal-baġit li qed isir referenza għalih min-naħa tal-Oppożizzjoni u li ukoll saret referenza għalih min-naħa tal-Gvern li dan d-dokument tpoġġa bi żball.

Dwar il-mistoqsija li saret mill-Kap tal-Oppożizzjoni u ċjoè dwar liema huwa d-dokument tal-baġit, jekk huwiex id-diskors tal-baġit li fil-fatt nqara jew ukoll huwiex id-*Dokument*

*tal-Baġit 2016* bħala *papers laid*, is-Sedja tifhem li ċertament id-diskors li nqara fil-Parlament huwa d-diskors tal-baġit li nqara mill-Ministru. Dwar id-*Dokument tal-Baġit 2016* indikat bħala PL 5658, dan huwa d-dokument ukoll li huwa parti minn dawk id-dokumenti li tpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2015 wara li nqara l-baġit, u allura wara li nqara d-*Diskors tal-Baġit 2016*. Dan huwa dokument li sal-lum għandha quddiemha l-Kamra, liema dokument, skont informazzjoni mogħtija mill-Onor. Godfrey Farrugia, huwa skorrett u li qed jiġi pprintjat dokument ieħor minfloku.

Is-Sedja hawnhekk tixtieq tirrileva li f'kull mument fejn dejjem saret din il-proċedura, fejn l-informazzjoni tkun trid tiġi korretta bħalma jiġri meta tiġi ppreżentata fuq il-Mejda tal-Kamra risposta għal pereżempju mistoqsija parlamentari jew informazzjoni oħra u sussegwentement jirriżulta li dik l-informazzjoni ma tkunx korretta, il-proċedura li dejjem ġiet segwita f'dan il-Parlament tul diversi snin u tul diversi leġiżlaturi hija li l-Ministru, jekk ikun il-każ, jista' jpoġġi l-informazzjoni korretta bħala korrezzjoni għal dak li tpoġġa b'mod erronju, b'mod żbaljat fl-informazzjoni oriġinali u hemmhekk tidħol nota min-naħa tal-Iskrivan tal-Kamra, fejn jagħmel nota mad-dokument oriġinali li tkun daħlet l-informazzjoni b'referenza għad-dokument oriġinali, għall-informazzjoni oriġinali, l-informazzjoni korretta. Din hija l-proċedura li dejjem ġiet segwita.

L-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra ma jitkellmu xejn dwar korrezzjoni għad-dokument li jkun tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra li jkun sar bi żball, imma jagħmlu referenza li f'kull każ jekk jinqala' kwestjoni dwar kull tip ta' proċedura li l-Ordnijiet Permanenti jkunu silenzjużi, allura fejn – u nikkwota Ordni Permanenti 197 –

> "Fil-każijiet kollha li mhumiex regolati b'dawn l-Ordnijiet Permanenti wieħed għandu jirrikorri għar-regoli b'modi użanzi u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit li għandhom jiġu segwiti sa fejn jistgħu jiġu applikati għall-proċeduri tal-Kamra, b'konsiderazzjoni xierqa għan-natura speċjali tal-Kostituzzjoni."

Effettivament is-Sedja rat ukoll il-proċedura li tiġi segwita fil-House of Commons. Fil-fatt is-Sedja hija kkonfortata bil-*guidelines* tat-Tqegħid tad-Dokumenti fil-House of Commons maħruġ, pubblikazzjoni ta' Frar 2015 fejn proprju fil-paragrafu 96 jgħid hekk, u nikkwota:

> *"In some cases errors in a document can be corrected by way of a correction slip. Correction slips will be accepted for minor typographical errors that are obvious on the face of the document. If the correction is substantive, it may be necessary to withdraw your paper and lay it again."*

F'dan il-każ jekk kemm-il darba l-Ministru għandu jirtira d-dokument li huwa d-dokument li qed jiġi hawnhekk ċitat bħala PL 5658, indikat bħala *Dokument tal-Baġit 2016*, il-proċedura li dejjem ġiet segwita fil-House of Commons u hawnhekk is-Sedja qed tikkwota minn paġna 134 tal-Erskine May, 24 edizzjoni, fejn Jgħid hekk:

*"If a department which has presented a paper wishes subsequently to withdraw it, the order that the paper do lie upon the Table may be discharged, and the paper withdrawn. This has also been done on the initiative of the House, after notice was taken that the paper presented was not a correct copy. A motion has been made to withdraw a paper presented in a previous session."*

Dan ifisser li hija xelta tal-Ministru, f'dan il-każ ovvjament il-Ministru tal-Finanzi, li kemm-il darba d-dokument li ġie ppreżentat fis-seduta tat-Tnejn, 12 ta' Ottubru, 2015 iħoss l-ħtieġa fl-iqsar żmien possibbli u fiċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha din il-Kamra li għandu jirtira dak id-dokument biex ipoġġi dokument ieħor minfloku, trid issir mozzjoni għal dan l-iskop u li l-mozzjoni tkun lejn il-Kamra li tkun qed tintalab li jiġi rtirat id-dokument li ġie mpoġġi bħala PL 5658 kif indikat fil-Minuti tas-seduta 299 li ġew approvati fis-seduta tal-bieraħ, 13 ta' Ottubru 2015.

Min-naħa l-oħra l-Ministru jista' skont il-proċedura allura diġà indikata kif dejjem kienet l-użanza ta' dan il-Parlament li d-dokument jibqa' fejn hu, dak id-dokument PL 5658, id-dokument li mhuwiex il-wieħed korrett kif indikat s'issa mill-Onor. Godfrey Farrugia fis-seduta tal-bieraħ waqt li nqalgħet din il-kwestjoni dwar it-talba tar-*ruling*. U l-Ministru fl-iqsar żmien possibbli fiċ-ċirkostanzi jpoġġi d-dokument korrett billi jagħmel referenza għad-dokument diġà mpoġġi u jpoġġih fuq il-Mejda tal-Kamra, bil-konsegwenza li l-Iskrivan tal-Kamra jdaħħal nota mad-dokument PL 5658, *Dokument tal-Baġit 2016* fejn jindika li issa r-referenza għad-dokument li qed jitpoġġa mill-Ministru bħala dokument l-ieħor li għandu jitpoġġa jekk il-Ministru jħoss li għandu jpoġġih, u ssir referenza għalih fin-nota li titpoġġa mad-dokument mill-Iskrivan tal-Kamra mal-PL 5658.

Għalhekk is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li għandha tiġi użata waħda miż-żewġ proċeduri indikati f'dan ir-*ruling* jiġifieri li jew li ssir mozzjoni biex jiġi rtirat dak id-dokument u sostitwit b'ieħor, jew inkella fin-nuqqas ta' mozzjoni, jitpoġġa d-dokument korrett, id-dokument PL 5658 jibqa' jifforma parti mid-dokumenti preżentati quddiem il-Kamra u ssir nota li tagħmel referenza għad-dokument korrett peress li jirriżulta li l-informazzjoni li tpoġġiet fil-PL 5658 mhijiex l-informazzjoni korretta.

Ir-*ruling* huwa deċiż.